

Tfal ċkejknin jagħmlu wkoll il-parti tagħhom f'dan il-presepju ħaj

# Betlehem f'Għajnsielem

### Kitba u Ritratti ta' Charles Spiteri

F'Għajnsielem Għawdex, f'żona bejn il-pjazza prinċipali u t-triq li twassal għall-Mġarr, fil-post magħruf bħala Ta' Passi, inbena villaġġ li qed iservi biex fih issir attività kontinwa marbuta ma' żmien il-festi tal-Milied, attività f'Presepju ħaj, li ġie inawgurat mill-Prim Ministru, Dr Lawrence Gonzi, nhar is-Sibt 6 ta' Diċembru, filgħaxija. Tbierek minn Mons. Isqof Mario Grech u ser jibqa' għall-wiri sa' l-4 ta' Jannar, 2009.

Dan il-villaġġ li jġib l-isem ta' "Betlehem f'Għajnsielem" qed jittella' mill-Kunsill Lokali f'Għajnsielem bil-kollaborazzjoni sħiħa tal-Għaqdiet kollha tal-lokal u bil-ħidma ta' numru kbir ta' voluntiera.

Din l-inizjattiva ser tgħin biex toħloq attivitajiet ta' livell għoli fix-xhur tax-xitwa f'Għawdex li mhux biss jattendu għalihom l-Għawdxin, iżda jiġbdu wkoll mijiet ta' Maltin u turisti li jkunu fostna.

Iż-żona fejn qed isir dan il-presepju ħaj sa ftit tal-ġimgħat ilu kienet waħda mitluqa u żdingata. Il-voluntiera naddfu din iż-żona ta' aktar minn 20,000 metru kwadru. Barra minn hekk, irranġaw u bnew aktar minn 400 metru ta' ħitan tas-sejjiegħ li kien fi stat ħażin ħafna. Wara bnew villaġġ temporanju b'dettalji impressjonanti.

Minbarra xeni tradizzjonali marbuta mal-Milied, il-villaġġ jinkludi wkoll għadd ta' ħwienet, kull wieħed marbut ma' tradizzjoni partikolari, bħal, per eżempju, is-snajja' tal-mastrudaxxa u tal-furnar, suq tal-frott, ħaxix u ħut frisk, dverna u anke diversi stallel b'diversi annimali.



Il-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi juri l-kwadru li kien għadu kif ingħata bħala tifkira taż-żjara tiegħu lill-presepju, xogħol ta' pittura fuq il-ħġieġ, li turi n-Nativitá, taż-żagħżugħ Josef Azzopardi.



Marcell Mizzi fil-parti ta' San Ġużepp u Loretta Dempsey fil-parti ta' Marija bit-tarbija fi ħdanha



Il-personaġġi Margerita Camilleri, Roseann Buttigieg u Maria Xerri



Franco Ciangura jispjega lill-Prim Ministru kull dettal tal-post



Frank Buttigieg jagħmilha ta' furnar



Dehra oħra ta' persunaġġi li qed jieħdu parti fil-presepju ħaj



Il-Ħaddid Ġuzi Mallia

**Ħaġa Moħġaġa (204)**

Dan issibu għand il-bieżel
Xhieda ta' xogħol u tbatija
U għand dak li jħobb jitgħażżen
Għalih l-ilma xi stmerrija

**Tweġiba tal-ġimgħa l-oħra:**
**Kazzola**




MALTESE CAFÉ
THE ORIGINAL

UNDER NEW MANAGEMENT
The Original Maltese Café,
Now fully owned and operated by
Gato's Pastizzi

Serving 9, Tip Top varieties of Hot Pastizzi, Ravjul
Lasagne
Cannelloni
Maltese Biscuits & Kinnie

Frozen Pastizzi & Ravjul also available

Ample Seating available

The Original Maltese Café
310 crown St. Darlinghurst 2010
Ph/fax: 02 9361 6942
Sun-Mon: 9 am to 6 pm
Tues-Sat: 9 am to 8 pm
Email: maltesecafe@pastizzi.com.au